MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 144/1998/1

Multiways Limited **.**

vs

Bogi Auto Parts Limited .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet :

1. Illi l-konvenuti huma debitur tal-atturi nomine fis-somma ta' elf erba' mija u sitta u ghoxrin lira maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm1426.32), dovuti wara bejgh u konsenja ta' oggetti (Dok, B) ;

2. Illi interpellati biex ihallas dan l-ammont permezz ta' ittra ufficjali datata 1998, il-konvenuti baqghu inadempjenti .

3. Illi l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x’jaghtu ghal hlas ta’ dan id-debitu li hu cert, likwidu u dovut u dan kif jirrizulta wkoll minn affidavit annessa bhala dokument A .

Talbet lis-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. Prevja d-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 u Artikoli ssussegwenti tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili u previa kull dikjarazzjoni li tkun cecessarja tordan u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi l-ammont ta’ elf erba’ mija u sitta u ghoxrin lira maltin, u tnejn u tletin centezmu (Lm1426.32) .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Lulju, 1998 u bl-interessi legali mill-istess data .

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta’ attrici ikkonfermata bil-gurament ta’ Herbert Agius .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet illi :

1. Illi t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, stante illi s-socjeta’ eccipjenti kienet, bi ftehim ma’ rapprezentatni tas-socjeta’ attrici rritornat lis-socjeta’ attrici il-maggjor parti mill-oggetti konsenjati lilha wara li rrizulta illi l-prezz illi kienet qeghda titlob is-socjeta attrici ma keinx kompetittiv, u liema oggetti gew accettati lura mill-istess socjeta’ attrici .

2. Infatti l-valur ta’ dawn l-oggetti hekk ritornati huwa ta’ elf tlett mija u erbgha u ghoxrin lira maltija u tlettax-il centezmu (LM1324.13c), mentri sal-gurnata tan-notifika lis-socjeta’ konvenuta tat-talbiet attrici, huma dejjem kien minghalihom illi l-ammont dovut mis-socjeta’ konvenuta kien ta’ Lm1329.74. Huwa issa illi gew

rinfaccjati bit-talba ghal Lm1426.32 . Is-socjeta' konvenuta tkun pronta illi thallas id-differenza ta' Lm102.20c kemm-il darba dawn jigu accettati a saldu.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess socjeta' konvenuta ikkonfermata bil-gurament ta' Joseph Vella .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici qed tfittex lis-socjeta' konvenuta ghall-prezz ta' diversi *parts* ta' karozzi lilha mibjugha u konsenjati . Is-socjeta' konvenuta qed tirrifjuta li thallas l-ammont mitlub ghax tikkontendi illi skond ftehim bejn id-dirigenti rispettivi, ghalkemm dawn il-*parts* tassew gew konsenjati lilha, kellha tinghata z-zmien sabiex tezamina l-istess *parts* u prezzijiet relattivi qabel ma tiddecidi liema ser izzomm minnhom . Madankollu ma sar xejn bil-miktub dwar dan l-allegat ftehim u lanqas ma jinghad xejn f'dan ir-rigward fl-istatement esebit mill-Multiways ma' c-citazzjoni taghha[1] .

Baqa' hadd ma ta d-depozizzjoni tieghu f'isem is-socjeta' attrici, imma Joseph Vella ghan-nom tas-socjeta' konvenuta xehed illi huwa wara li ghamel dan l-ezercizzju kkomunika mad-dirigenti tas-socjeta' attrici kemm-il darba biex jghidilhom jigbru l-*parts* li ma kienx interessat fihom ghax ma kellhomx prezz kompettitiv fis-suq . Dawn pero' baqghu jittrattjenu sakemm xhur wara, informahom li kien ser imur hu stess bil-*parts* li xtaq jirritorna, u ddepozitahom fil-mahzen tal-Multiways . Huwa nfatti pprepara lista tal-*parts* li kienu gew ritornati minnu bil-prezz relattiv u halliha mal-impjegati tas-socjeta' attrici[2] .

---

[1] A fol. 5 tal-process .
[2] Kopja ta' din il-lista tinsab esebita fil-process bhala Dok. JV. 1 a fol. 25 .

Is-socjeta' konvenuta pproduciet bhala xhieda taghha zewg ex-impjegati tad-ditta attrici li kienu nvoluti fin-negozju li kien sar maghha fir-rigward ta' dawn il-*parts* . Kenneth Abela kien is-*salesman* li kien attwalment wassal il-*parts* in kwistjoni ghand is-socjeta' konvenuta . Mistoqsi x'kien proprjament l-arrangament li kien hemm bejn il-kontendenti x-xhud spjega illi : "…. *daka kien hemm varjazzjoni kbira ta' fanali, … intellghalu tnejn minn kull haga, dwar prezzijiet ma ghidtlux, ghax dan biex ticcekja l-prezzijiet kollha ghandek gurnata . Bhal speci qalli, 'tini, u niccekkja jiena' . Imbaghad bqajt mieghu jien, ghidtlu, 'jekk issib xi problema, kellimni' . Dan qalli 'tini cans xahar biex niccekkjahom fil-hdud' . Wara xahar cempilli dan, bghatli cekk, qalli, 'dawn tajbin', qalli 'dawn ara x'tistghu tirrangaw fuqhom'*."[3]

Mistoqsi in kontro-ezami jekk meta rritorna l-oggetti li ma riedx, Joseph Vella gabx xi lista maghhom, l-istess xhud wiegeb: "*Hu, ehe, gabli karta, kienet bhal speci x'gab lura, u din qabbiltha ma li kien hallas . Issa ovvjament, meta naraw l-invoice, naqqast li hallas, suppost ghandi nigi bhal ma gabli hu; u hekk kienet*."

Mistoqsi wkoll jekk dan l-ezercizzju kienx sar bil-kunsens tal-principal tieghu, Kenneth Abela wiegeb: "*Hu fil-fatt lili qalli, 'hallihom hekk, min jigi ghalihom ohrog minnhom*'," u nfatti kompla jghid illi jaf li mbaghad kienu hargu ghall-bejgh oggetti minn dawk ritornati[4] .

Id-depozizzjoni ta' dan ix-xhud giet sostanzjalment korroborata bix-xhieda ta' huh Robert, li wkoll kien jahdem mas-socjeta' attrici fiz-zmien li kien sar dan in-negozju . L-isetss bhal huh kkonferma wkoll illi hafna mill-affarijiet li kienu gew ritornati minn Joseph Vella, l-Multiways kienet regghet bieghet minnhom lil terzi[5] .

Jirrizulta ghalhekk sodisfacentement illi, kien x'kien veramnet il-ftehim originali bejn il-kontendneti, l-oggetti ritornati minn Joseph Vella f'isem is-socjeta' konvenuta

---

[3] ara xhieda Kennith Abela a fol. 32 .
[4] ibid a fol. 35 .
[5] ara xhieda Robert Abela a fol. 47 .

gew sussegwentement accettati mid-dirigenti tal-Multiways, u ghalhekkk din ma jista’ jkun ghad baqaghla ebda pretensjoni fir-rigward ta’ l-istess oggetti kontra s-socjeta’ konvenuta .

Pero’ mill-lista esebita minn Joseph Vella jidher illi l-prezz ta’ l-oggetti ritornati kien ta’ Lm1324.13[6], mentri l-ammont mitlub huwa ta’ Lm1426.32, differenza ta’ Lm102.29 . L-istess Joseph Vella madankollu jammetti, sew fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet u anke fid-depozizzjoni tieghu illi din id-differenza hija dovuta lis-socjeta’ attrici ghax tirraprezenta *parts* ohra li kien nzammu minnu .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza, billi tilqa’ t-talba attrici pero’ limitatment ghas-somma ta’ mija u zewg liri maltin u disgha u ghoxrin centezmu (lm102.29) biss, bl-interessi legali mid-data ta l-ittra ufficjali tat-3 ta’ Lulju 1998 sad-data tal-pagament effettiv . L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jigu ssoportati kwantu ghal erba’ kwinti (4/5) mis-socjeta’ attrici stess u kwint (1/5) mis-socjeta’ konvenuta .
S14498Pc

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------

[6] ara dok. JV. 1 a fol. 25 .